# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

## KUMPILAZZJONI NUMRU 685/01

Illum 09 ta' Novembru, 2001

Il-Pulizija
(spettur Sandro Zarb)

vs

Muannes Youssef Ramadan Arfan

Meta issejhet il-kawza deher l-imputat assistit minn Dr Leo Bencini. L-imputat informa lill-Qorti li hu ma jifhimx bil-lingwa maltija.

Deher l-ufficjal prosekutur.

Deher Aaron Haroun u gie nominat bhala interpretu mill-lingwa maltija ghall-lingwa gharbija biex jassissti lill-imputat. L-interpretu inghata l-gurament.

L-ufficjal prosekutur qara u halef il-presentata tar-rapport.

Wara li gie spjegat lill-imputat l-istess akkuzi, dan minn jeddu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kif dedotti.

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat.

Semghet lill-istess akkuzat, minn jeddu, jammetti l-akkuzi kif dedotti.

Rat kemm il-kunsens tal-Avukat Generali kif ukoll il-kunsens tal-akkuzat biex dan il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja.

Issibu hati tal-istess akkuzi kif dedotti.

Rat l-artikoli 172 (1) u (2) u 176 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 u l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni in rigward il-piena.

In rigward piena, b'applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-akkuzat jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena millum.

In oltre, l-istess Qorti tordna il-hrug tal-annessa Ordni ta' Tnehhija kontra l-istess akkuzat.

Il-prosekuzzjoni, quddiem l-istess Qorti, irtirat il-passaport tal-istess akkuzat.

Alan Calleja<br>Deputat Registratur

Veru kopja

Ghar-Registratur